Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex ilkoll kemm aħna nagħmlu għażliet kuraġġużi għal stil ta' ħajja sempliċi u favur ambjent sostenibbli, filwaqt li nifirħu biż-żgħażagħ tagħna li qed jimpenjaw ruħhom b'mod determinat favur l-ambjent.



**Qari:** ***Minn diskors ta' Papa Franġisku, waqt udjenza ġenerali fil-5 ta' Ġunju 2013***

Meta nitkellmu fuq ambjent, fuq il-ħolqien ..... jiġuni f'moħħi dawn il-mistoqsijiet: Xi jfisser li jikkultivaw u jieħdu ħsieb l-art? Aħna qegħdin tassew nikkultivaw u nieħdu ħsieb il-ħolqien? Jew qed nisfruttawh u nittraskurawh? Il-verb "tikkultiva" jfakkarni fl-għożża li biha l-bidwi jieħu ħsieb l-għalqa tiegħu biex hekk tagħti l-frott u dan jinqasam: kemm attenzjoni, passjoni u dedikazzjoni! Il-kultivazzjoni u l-ħarsien tal-ħolqien huma kmand li Alla mhux biss ta fil-bidu tal-istorja, imma jagħtih lil kull wieħed u waħda minna llum; huma parti mill-pjan tiegħu; ifissru li nkabbru d-dinja b'responsabbiltà, billi nibdluha fi ġnien, post li fih jista' jgħix kulħadd. Benedittu XVI fakkarna kemm-il darba li dan ix-xogħol li fdalna f'idejna Alla l-Ħallieq jitlob minna li l-ewwel nifhmu x'inhuma r-ritmu u l-loġika tal-ħolqien. Imma minflok, aħna spiss inħallu tmexxina s-suppervja li għandna biex niddominaw, nakkwistaw, nimmanipulaw, nisfruttaw; ma "nħarsuhx", ma nirrispettawhx, ma nqisuhx bħala don li ngħatalna b'xejn u li għandna nieħdu ħsiebu. Qed nitilfu l-atteġġjament tal-istagħġib, tal-kontemplazzjoni, tas-smigħ tal-ħolqien.

Mulej, nirringrazzjawk tar-rigal tal-ħolqien,
u fuq kollox tar-rigal tal-ħajja.
Mulej, fil-bidu tal-ħolqien inti ħadt lill-bniedem
u qegħedtu fil-ġnien tal-Eden biex jaħdmu u jħarsu.
Iżda sfortunatament il-bniedem
ma baqax jikkultiva u jieħu ħsieb il-ħolqien,
anzi ttraskurah u sfruttah.

Mulej, agħtina l-kuraġġ biex nibdlu dan l-atteġġjament tagħna,
sabiex nibdew nirrispettaw il-ħolqien tiegħek,
u nibdew inħarsu lejh bħala rigal li inti tajtna b'xejn
u li għandna nieħdu ħsiebu u nipproteġuh.
Agħtina d-dehen biex nindunaw li bl-egoiżmu tagħna
qed noħolqu "tifrik, deżolazzjoni u ħmieġ" (Enċiklika Laudato sì, 161).
Mulej, għinna sabiex ma nibqgħux indifferenti
quddiem it-telfa tal-bijodiversità u l-qerda tal-ekosistemi,
li aħna stess qed noħolqu bl-imġiba rresponsabbli tagħna.
Nitolbuk, Mulej, sabiex, permezz tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu,
naslu biex nindunaw li, minħabba fl-attività umana,
qed ikollna bidla fil-klima u dan qed joħloq, fost l-oħrajn,
in-nixfa, l-għargħar u l-ħruq, kif ukoll tbatija lil dawk
li huma l-iktar fqar u l-iktar vulnerabbli.
Għinna, Mulej, biex "nagħrfu x'qed ikun is-sehem tagħna,
żgħir jew kbir, fit-taħsir u l-qerda tal-ambjent" (Patrijarka Bartilmew)
ħalli, kif qal il-Papa Franġisku, nibdew it-triq tal-konverżjoni.
Agħtina d-dehen biex nifhmu li aħna għandna d-dmir u l-obbligu
li nirrispettaw l-ambjent u li nħallu l-ħolqien fi stat
li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jgawduh.
Fuq kollox, Mulej, nitolbuk sabiex aħna nkunu umli biżżejjed
li nammettu t-tort tagħna u nibdew nieħdu ħsieb il-ħolqien,
biex b'hekk nagħmlu bħal bosta miż-żgħażagħ tagħna
li qed jimpenjaw ruħhom b'mod determinat favur l-ambjent.

**KANT**

**Qari: *Ittra ta' Papa Franġisku għat-twaqqif tal-"Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien*.**

Il-kriżi ekoloġika għalhekk qed issejħilna għal konverżjoni spiritwali qawwija: l-Insara huma msejħa għal "konverżjoni ekoloġika, li titlob minnhom li jħallu l-konsegwenzi kollha tal-laqgħa tagħhom ma' Ġesù jidhru fir-relazzjoni tagħhom mad-dinja ta' madwarhom".

Fil-fatt, "li ngħixu l-vokazzjoni tagħna li nkunu ħarriesa tal-opra ta' Alla hi parti essenzjali minn ħajja magħġuna bil-virtujiet, mhix għażla u lanqas xi aspett sekondarju tal-esperjenza Nisranija"....
Il-Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien se joffri ta' kull sena lil kull min jemmen u lill-komunitajiet l-opportunità prezzjuża li jġeddu t-tweġiba tagħhom għas-sejħa li jkunu ħarriesa tal-ħolqien, u jgħollu quddiem Alla r-radd il-ħajr tagħhom għall-opra tal-għaġeb li Hu fdalna f'idejna biex nieħdu ħsiebha, waqt li jitolbu l-għajnuna tiegħu għall-ħarsien tal-ħolqien u l-ħniena tiegħu għad-dnubiet imwettqa kontra d-dinja li fiha ngħixu.

Mulej, naħseb li ħafna minna lanqas biss jirrealizzaw
li jekk ma neħdux ħsieb l-ambjent
aħna nkunu ħatja ta' dnub kontra l-ħolqien u l-ħallieq tiegħu.
Għinna, Mulej, ħalli nifhmu li l-kultivazzjoni
u l-ħarsien tal-ħolqien huma kmand li inti tajt lill-bniedem,
mhux biss fil-bidu tal-istorja,
imma li int tibqa' tagħtih lil kull wieħed u waħda minna.
Agħtina d-dehen biex nifhmu li dan ifisser
illi rridu nieħdu ħsieb id-dinja b'responsabbiltà,
biex b'hekk nagħmluha post li fih jista' jgħix kulħadd.
Mulej, nitolbuk sabiex ikollna l-kuraġġ li nduru lejk
waqt li nagħrfu dnubietna kontra l-ħolqien,
il-foqra u l-ġenerazzjonijiet ta' warajna.
Għalhekk, Mulej, se nitolbu flimkien mal-Papa:
*Fejqilna ħajjitna, biex inħarsu d-dinja u mhux inħarbtuha,*
*biex niżirgħu l-ġmiel u mhux it-tinġis u l-qerda.*
*Miss il-qlub ta' dawk li jfittxu biss kif sa jgawdu huma*
*minn fuq dahar il-foqra u l-art.*
*Għallimna niskopru l-valur ta' kull ħaġa, nikkontemplaw b'għaġeb,*
*nagħrfu li aħna tabilħaqq magħqudin mal-ħlejjaq kollha*
*fil-mixja tagħna lejn id-dawl tiegħek bla tarf.*
*Irroddulek ħajr li ta' kuljum tinsab magħna.*
*Weżinna, nitolbuk, aħna u nitqabdu*
*għall-ġustizzja, l-imħabba u l-paċi.*

## KANT

## Nitolbu flimkien

Mulej, nitolbu sabiex inkunu kapaċi nirrealizzaw li huwa permezz ta' azzjoni konkreta u tmexxija għaqlija li nistgħu nieħdu ħsieb l-ambjent li inti ħlaqt għalina biex niskopruh, ingawduh u nieħdu ħsiebu.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex tagħti d-dehen lill-insara kollha sabiex jagħtu s-sehem tagħhom biex tingħeleb il-kriżi ekoloġika li minnha għaddejja l-familja tal-bnedmin.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex il-korporazzjonijiet kbar joffru alternattivi għall-oġġetti li jintużaw darba biss.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex inkunu kapaċi nagħrfu li d-dinja hi r-rigal tiegħek lill-umanità, u li aħna msejħin biex nimpenjaw ruħna sabiex ngħixu ħajja favur ambjent sostenibbli.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, tgħinna sabiex naddottaw stil ta’ ħajja sempliċi, u biex ma nibżgħux nieħdu azzjonijiet żgħar biex b’hekk nippruvaw innaqqsu l-impatt tagħna fuq l-ambjent, u b’hekk innaqqsu l-iskart bla bżonn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Agħti d-dehen, Mulej, lill-pajjiżi sinjuri, sabiex jieħdu ħsieb l-ambjent tal-pajjiżi l-iżjed foqra, u biex ifornuhom bir-riżorsi finanzjarji u l-għajnuna teknika biex ikunu jistgħu jaffrontaw il-konsegwenzi tal-bidliet fil-klima u biex huma wkoll jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.